MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Numru 881/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea**
**Spettur David Saliba)**

**vs**

**Dylan Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Dylan Farrugia, 16-il sena, bin Emanuel u Simone nee Conti, imwieled Pieta fid-9 ta’ Lulju, 1987 u joqghod Flat No 3 Triq San Frangisk Floriana, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 323987 M.

Akkuzat:

Talli fit-22 t'Ottubru, 2003 wara nofs inhar fin-Naxxar, flimkien ma' Leandross Cutajar bil-hsieb li jikkommetti serq ta' flus u ta' oggetti ohra ghad-dannu ta' Stephen Curmi mill-Mellieha wera dan il-hsieb f'atti estremi u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi kissirtu hgiega ta' vettura CAS836 liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 41(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta' attentat ta' serq aggravat.

Stante l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tieghu l-Qorti ssibu hati tal-akkuza.

Rat l-Artikolu 261, 271(g) u 41(a) tal-Kap 9.

Rat l-fedina penali netta tieghu.

Tiddeciedi li fic-cirkostanzi tilliberah bl-aplikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal prejodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------